# SANĊIA
# SULTANA TA' NAPLI

Hemm ismijiet fil-ġrajja ta' l-Art Imqaddsa, li jgħaddu kemm jgħaddu snin minn fuqhom, u la jintsew anqas jiqdiemu. Għaliex rabbew daqshekk għeruq fil-qlub tagħna l-Ulied tal-Fqajjar ta' Assisi, li tgħallmu jgħożżuhom ta' qabilna, u aħna ngħallmu jgħożżuhom lil ta' warajna. Isem tas-Sultana Sancia huwa marbut mal-ġrajja tal-Kustodja bi rbit li ebda żmien ma jista' jħoll jew jeqred. Għax nistgħu ngħidu li jekk aħna l-Franġiskani għandna taħt idejna l-Imkejjen Imqaddsa, dan kollu b'reħitha.

U min hi dis-Sultana, li fost it-tlellix u l-frugħa ta' dar is-slaten xeħtet ħarsitha fuq il-Patrijiet Fqajrin, u għamlitilhom daqshekk ġid? Sancia, mara twajba, li kellha f'qalbha l-biża' mqaddes t'Alla, kienet mart Robertu t'Anġou, Sultan ta' Napli. Ħu żewġha kien San Dovik, Isqof ta' Tolouse, u Patri ta' l-Ordni tagħna. Robertu u Sancia kienu żewġt erwieħ magħżula. Fihom ma kienx hemm dik il-kburija li tbiegħed mill-imħabba t'Alla. Kienu semgħu ħafna bil-Franġiskani u bil-ħidma tagħhom, u l-aktar li laqathom kien ix-xogħol fejjiedi li kienu qed jagħmlu fl-Art Imqaddsa. Saru jafu li għalkemm il-Patrjiet kienu ilhom biċċa sewwa jaħdmu fl-Art ta' Ġesù, ma kellhom ebda jedd sħiħ fuq is-Santwarji Mqaddsa. U fil-moħħ tas-Sultana xegħel ħsieb qaddis.

"Min jaf", staqsiet bejnha u bejn ruħha, "kieku żewġi jiksbilhom xi jeddijiet lil dawk l-imsejkna Patrijiet?" U qaltlu u reġgħet qaltlu biex jaqbeż għalihom. Kienet is-sena 1333. Is-Sultan Robertu kien jaf li l-kelma tiegħu setgħet tgħin lill-Patrijiet, għalhekk beda ftehim ma' Naser Muhammed, Sultan ta' l-Eġittu u ta' Damasku, u wara li newwillu f'idejh 32,000 dukat tad-deheb seħħlu jasal fi ftehim xieraq. B'dan il-għadd kbir ta' flus, is-Sultan ta' Napli feda s-Santwarji tat-Terra Santa u qiegħdhom taħt il-ħarsien tal-Patrijiet tagħna. U dana kollu seħħ bil-ħila ta' mara qaddisa!



SANCIA
IR-REĊINA TA' NAPLI

Is-Sultan Robertu mbagħad, biex isaħħaħ il-qagħda tal-Patrijiet tagħna fl-Art Imqaddsa, talab lill-Papa biex iwettaq dan il-għemil tiegħu. U hekk kien. Fil-21 ta' Novembru 1342, disa' snin wara li l-Patrijiet tagħna kisbu taħt idejhom l-Imkejjen Imqaddsa

l-Papa Klement VI ħareġ mill-palazz tiegħu ta' Avignone żewġ bolol kbar, il-waħda tibda bil-kelmiet: "Gratias Agimus" u l-oħra: "Nuper carissimi". Bihom il-Vigarju ta' Kristu ħabbar lid-dinja Kattolika l-kisba tas-Santwarji Mqaddsa bis-saħħa tas-Sultan ta' Napli, u l-ħatra tal-Patrijiet Minuri bħala ħarriesa tagħhom. Kemm bil-ħaqq kollu tista' tagħmel ġid il-kelma ta' mara għaqlija!

Iżda l-ħajja tajba tas-Sultana ma tiqafx hawn. L-imħabba tagħha lejn San Franġisk ġiegħlitha tagħżlu b'missierha u tissieħeb fil-familja kbira tiegħu tat-Tielet Ordni. U biex aktar tgħix fl-ideal Serafiku, talbet lill-Papa Klement VI il-privileġġ li jkollha jgħixu magħha fil-palazz żewġ Sorijiet Klarissi. Minn flusha bniet bosta knejjes u Monasteri fis-saltna, fosthom dak ta' Santa Marija Maddalena u ta' Sta. Marija l-Eġizzjana. L-aqwa kunvent li bniet minn flusha, hu dak ta' Santa Klara ta' Napli, li għas-sbuħija u għall-kobor tiegħu jibqa' dejjem tul iż-żmenijiet xhieda ħajja ta' kemm ħabbet lill-Franġiskani s-Sultana Sancia.

Sena wara li miet żewġha, Sancia, imdejqa mill-frugħat tal-ħajja tas-slaten, riedet timxi wara Ġesù, fit-triq tal-Faqar Imqaddes. U hekk fis-sena 1342 daħlet Klarissa u bidlet isimha minn Sancia għal Soru Klara. Xeddilha l-libsa ħarxa tal-Ulied ta' Santa Klara, il-Ministru Ġeneral tal-Ordni tagħna Fra Fortaniero Vassalli.

Fil-Monasteru ta' Santa Croce, miftuma mill-ħsejjes tad-dinja, Sancia kienet qegħda tgħix l-idejal Serafiku, kif xtaqitu u kif dejjem ħolmitu. Fissentejn u ftit li damet miġbura fil-ħemda tal-monasterju, għarfet tnissel f'ruħha qdusija kbira, u hekk meta fit-28 ta' Lulju 1345 għalqet għajnejha għad-dinja, kull ħadd stqarr li kienet mietet qaddisa. Wara mewtha, is-Sultana Giovanna I ta' Napli għamlitilha monument mill-isbaħ fil-monasterju ta' Santa Croce, fejn mietet. Minnu l-lum ma baqa' xejn ħlief dak li ħallielna miktub fuqu l-għaref storku tal-Ordni, P. Luqa Wadding, O.F.M., Irlandiż. Jingħad li mitt sena wara mewtha, bl-amar tas-Sultana Giovanna II, il-fdal tagħha ttieħed fil-Monasterju ta' Santa Klara. Biss, billi dal-ġarr sar fi żmien il-gwerra, ħbew il-fdal imbierek tagħha f'lok li l-lum intesa. B'dana kollu bosta għorrief fil-ġrajja tal-Ordni tagħha, jaħsbu li l-għadam tas-Sultana Sancia, tqiegħed jistrieħ ma' dak ta' żewġha, f'qabar fil-kunvent monumentali ta' Santa Klara ta' Napli. Fl-Ordni nsejħulha "Beata", u isimha hu maħbub bħala waħda mill-aqwa benefattriċi tagħna. Mara miż-żewġa, Sultana u Soru, Sancia, ħalliet warajha eżempju kbir u mħabbitha lejn San Franġisk u l-Fqajrin Tiegħu.

P. MARJANU VELLA, O.F.M.

---

## IL-FUL

*IL-QXUR TAL-FUL NIEXEF.* — Il-qxur tal-ful niexef (tal-ful, mhux tal-imżiewed) tajjeb ħafna biex ineħħi l-*aċdu-urku*. Għandek tnixxef il-qxur ġewwa forn, imbagħad therrżu tajjeb ġewwa mehrież (qis li l-lida tkun tal-għewwied, mhux ta' xi ħadid) u tixħet ftit minn dak it-trab ġewwa tazza. Ixħet fuqu ftit meraq tal-għeneb abjad, jew inbid, u ħallieh sa fil-għodu. Fil-għodu għaddieh minn musulina rqiqa u ixrob dak l-ilma għar-riq. Agħmel hekk għal kemm il-jum u tara mill-ewwel tħossok aħjar u jibqa' sa kemm l-aċdu jmur għal kollox.